# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001**

**Numru 9**

**Avviz. numru 1452/00mm**

**PI Productions Limited**

**vs**

**Perfecta Advertising Limited u Badger Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Settembru 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-bilanc ta' tlett mija, wiehed u disghin lira Maltin (Lm391) dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ghal servizzi ta' filmat, muntagg u reklamar ta' Badger Karting lilhom provdut u minnhom accettat matul is-sensiela televiziva bl-isem SVOG fuq il-P.B.S.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti fejn eccepew illi:-

1. Illi s-socjeta' attrici accettat pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha u ghalhekk ma tistax titlob ammonti ulterjuri.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante li s-servizzi provduti kienu anqas minn dawk miftiehma, ma kienux tal-kwalita' pattwita, u ma nghatawx skond il-modalita' miftiehma bejn il-partijiet kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' konvenuta *Badger Company Limited* kienet avvicinat lis-socjeta' konvenuta l-ohra *Perfecta Advertising Limited* sabiex dina tiehu hsieb esercizzju ta' reklamar ghas-socjeta' *Badger Company*. Is-socjeta' konvenuta, minn nahha taghha, avvicinat lis-socjeta' attrici *PI Productions Limited* sabiex dina tipproduci reklamar fuq il-mezzi tax-xandir a beneficcju tas-socjeta' *Badger Company Limited*. Il-kuntatti

saru bejn is-socjeta' *Perfecta Advertising Limited* u *PI Productions Limited*. Is-socjeta' attrici wettqet ix-xoghol illi kien gie kummissjonat lilha u talbet il-hlas minghand il-*Perfecta Advertising Limited*. Jidher illi kien hemm xi kontroversja dwar kemm kellu jkun dan il-hlas. Fl-ahhar fil-31 ta' Lulju 2000 is-socjeta' *Perfecta Advertising Limited* baghtet cheque lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mija tlieta u sebghin lira (Lm1173) li skond l-istess socjeta' kellu jkun ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici. Dan ic-cheque kien kopert b'nota spjegattiva liema nota tinsab esibita f'dawn l-atti bhala dokument LBM. Hija din in-nota illi issa qajjmet kontroversja bejn il-partijiet dwar it-tifsira taghha peress illi s-socjeta' attrici qieghdha tiehu dan il-hlas bhala *on account* waqt illi s-socjeta' konvenuta *Perfecta Advertising Limited* qieghdha tinsisti illi dan il-hlas kien ghas-saldu. Fi kwalunkwe kaz, hu pacifiku bejn il-partijiet illi dan ic-cheque illi gie mibghut mis-socjeta' konvenuta gie msarraf mis-socjeta' attrici minghajr riservi.

Ikkunsidrat:

Skond dan id-dokument LBM is-socjeta' konvenuta *Perfecta Advertising Limited* baghtet il-hlas lis-socjeta' attrici *"in settlement of invoice number SFOG/07".* Il-kwistjoni li qamet hija dwar it-tifsira tal-kliem *"in settlement"*. Is-socjeta' attrici qieghdha tinsisti illi kieku dak il-hlas kellu jkun ghas-saldu, kellu jkun miktub *"in full and final settlement"* u mhux *"in settlement"* biss. Is-socjeta' konvenuta pero' tghid illi *"in settlement"* ifisser ghas-saldu, ma kienx hemm ghalfejn tikteb xejn iktar u dak kien ifisser

is-sodisfazzjon tal-pretenzjonijiet kollha li kienet qed tippretendi s-socjeta' attrici.

Ikkkunsidrat:

Illi l-argument migjub mis-socjeta' attrici huwa aktar loghob bid-diskors milli xi haga ohra. Il-kliem miktub f'dan id-dokument LBM huwa car u inekwivoku. Il-hlas li kien qed isir, kien qed isir ghas-saldu. *"In settlement"* tfisser illi kienu qieghdin jaqtghu l-pendenzi kollha li kien hemm bejniethom. Billi f'dan id-dokument ma kienx hemm miktub *"in full and final settlement"* ma jbiddilx it-termini tal-pagament. *"In full and final settlement"* hija biss tifsira aktar enfatika tal-kliem uzati mis-socjeta' konvenuta li ifissru l-istess. Il-Qorti ma tara l-ebda differenza mill-kliem uzati mis-socjeta' konvenuta *"in settlement of…"* u *"in full and final settlement".* Wara kollox, kif gia nghad is-socjeta' attrici accettat dan it-termini ta' pagament peress illi c-cheque gie msarraf minghajr riservi.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Kummercjali fis-26 ta' Novembru 1986 fl-ismijiet <u>William Apap vs Joseph Gasan et noe</u> l-Qorti qalet "jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandhux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li neccessarjament huma nkonsestenti mall-offerta ta' pagament ghas-saldu".

L-istess f'kawza deciza mill-Prim Awla tas-6 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet Aldo Bonello noe vs Anthony Sammut noe fejn il-Qorti kienet qalet: "l-accettazzjoni tac-cheque mill-attur nomine ghandha tigi ritenuta li kienet, skond l-offerta ghas-saldu". Ma hemmx dubbju, quindi illi c-cheque mibghut mis-socjeta' konvenuta kien wiehed ghas-saldu. Dana gie msarraf minghajr riservi u gie accettat mis-socjeta' attrici. Din is-socjeta' quindi ma ghandha l-ebda dritt tinjora l-mod kif gie offert dan il-pagament u ladarba gie accettat kif intbaghat ma tistax issa tbiddel dawn it-termini u titlob ammonti ohra bilancjali illi jidhrilha illi ghandha tiehu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg